10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 28**

**6 ta' Ottubru 2025**

Il-laqgħa numru 28 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar is-6 ta' Ottubru 2025 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Steven Sultana

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Joe Vella

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3**):

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela — Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**Korrezzjonijiet: laqgħa 26**

**Paġna 2 –** minflok Sindu tinbidel għal Sindku u minflok Strada Rjali tinbidel għal Triq il-Kbira San Guzepp.

**Paġna 4 – tibdil tal-5 sentenza fl-ewwel paragrafu għal –** L-SE wieġbet li hi ma kienet qed tobbliga lil ħadd biex jiffirma imma kienet qed tistaqsi raġuni gla din l-aħħar sena kien hemm min qed jiddeċiedi li ma jiffirmax. Din id-direzzjoni ingħatat f'online meeting mid-dlg.

**Paġna 7** – punt numru 2 mir-perit kellha tinbidel għal mil-perit

**Korrezzjonijiet: laqgħa 27**

F'dawn il-minuti ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet.

**Triq San Gorg –** L-arblu twaħħal u l-camera bdiet taħdem. Diġa inħarġu xi ċitazzjonijiet. Il-bollards twaħħlu ukoll.

**Infrastructure Malta –** il-Kunsill għadu ma għandux risposta

**Ibins –** is-sindku qal li wara li kellu diversi laqgħat u propona il-postjiet kollha li ġew diskussi, l-wasteserv baqgħet ma qablitx mal-proposti tal-kunsill. Fuq il-parkeġġ ta' ħdejn il-MITA il-wasteserv qed jgħidu li minħabba karozzi ipparkjati ħażin ma jkunux jistgħu jgħaddu. Filwaqt li Sindku talab ukoll li dawk ta' ħdejn Dar Sammaritan jinżlu l-isfel ħdejn l-oħrajn jew jimxu

għal Triq l-isportivi imma s'issa qalu le ukoll. Hawnhekk Roberta Sultana saqsiet għalfejn qegħdin kollha fl-istess area u hawn kunsilli li m'għandhomx. Is-Sindku wieġeb li kieku deċiżjoni hi f'idejn il-kunsill jitneħħew imma liġi hi li hi. Silvio Vella qal li l-aħjar issir laqgħa fejn ikun hemm il-kunsill preżenti sabiex jiġi diskuss dan is-suġġett filwaqt li Stephen Sultana ikkummenta hekk il-kunsill jistax jitlob data base ta'kemm qed jintużaw dawn is-siti, sabiex tittieħed deċiżjoni aktar infurmata.

**Clean up –** Minħabba temp il-clean up ser issir fil-25 ta' Ottubru

**Ħaddiem tal-ID** – Is-Sindku spjega li is-sejħa intbgħatet għand id-DLG. Silvio Vella Saqsa kif kien l-għaġir tal-ħaddiem bħalissa u l-SE wieġbet li ħafna mil-ħin qed ikun waħdu fuq il-lant tax-xogħol u mingħajr il-van peress li dan qed jintuża minn għand ħaddiema oħra. Hawnhekk Joe Vella saqsa minn kien il-ħaddiem li ġie ingaġġat ġdid u xi skala qiegħed. Is-Sindku wieġeb li dan ġie diskuss fil-laqgħat ta' qabel u l-ħaddiem kien skala 16 mhux klerikali.

**Tenders** – Is-Sindku spjega li s'issa ġew evalwati 3 tenders u 4 wieħed kien hemm bżonn li jinbidlu l-evalwaturi għaliex dawk imsemmija ma setgħux. Dawn inbidlu għal Joe Vella u Silvio Vella

**FSWS –** kellna talba għal aktar dettalji fuq l-applikazzjoni tar-reserved parking u kien sejjer il-contracts manager.

**Cat Feeders** – Is-sindku informa li kien hemm kumpanija li tagħat donazzjoni ta' flus lil cat feeders u dawn qed jipproponu li titnaddaf l-area tal-qtates fil-ġnien.

### 3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 437 u Petty Cash

Il-Pagamenti kienu approvati bil-proponent u sekondant ikunu Darren Grech u Silvio Vella

## 4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 438A u 438B u Petty Cash

Il-Pagamenti kienu approvati bil-proponent u sekondant ikunu Darren Grech u Silvio Vella

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

**a.** Comunal Disabled Parking Triq San Gorg – is-Sindku informa li fi Triq San Ġorġ ma kienx hemm communal disabled parking u għalhekk kien qed jissuġġerixxi li ssir waħda. Kien qed jissuġġerixxi li ssir ukoll waħda Triq l-imsida ma Triq Madonna tal-Karmnu u oħra Triq Emanuel Attard ħdejn il-ħanut tal-grocer.

**b.** Personalised Disabled parking bay Triq Carini – Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva talba mingħand Transport Malta għal disabled parking bay personalised fi Triq Carini. Fuq dan kien hemm qbil.

**c.** Hawnhekk Stephen Sultana saqsa hekk jistax isaqsi

- **i.** għal feedback fuq il-laqgħa li l-Kunsill kellu mar-rappreżentanti tal-MFA. Is-Sindku wieġeb li l-MFA qalu li festivals u tournaments mhux ħa jibqgħu isiru. Ser ikun hemm biss in-nisa tan-nazzjonali kif ukoll it-trials/tournaments. Is-Sindku qal li hu talab li jkun infurmat minn qabel meta kienu ser isiru tournaments u trials u talab li f'dawn il-ġranet ikun hemm 2 uffiċjali tal-MFA jiddiriġu traffiku. Ir-rappreżentant tal-MFA irrifjuta. Is-Sindku qal li offra ukoll drop off żone imma ir-rappreżentant tal-MFA qal li ma jistax jiggarantixxi li l-karozzi ma jinżlux xorta ħdejn il-ground. Stephen issuġġerixxa li ssir one-way traffic System imma din kienet ser toħloq problema bir-residenti speċjalment meta jkun hemm Triq tal-iskola magħluqa għax jispiċċaw jitilgħu Birkirkara biex joħorġu.
- **ii.** Fuq l-iżvilupp ta' traffiku fi Trejqa Fleur De Lys. Is-Sindku wieġeb li kellu laqgħat ma' TM imma dawn qalu li ma kellomx uffiċjali u għalhekk is-sindku saqsa lil Lesa, Pulizija biex jivverifikaw. Intbgħatet ittra oħra lil Transport Malta permezz tas-Supretindent ta' Santa Venera. L-aħħar korrispondenza ma Transport Malta, tgħid li huma qed jipproponu tabella. Joe Vella ikkummenta li kien qed ikun hemm pulizija imma Sindku qal li ma kienx qed jidderiġu traffiku. Stephen Sultana issuġġerixxa li

**i.** jitnaqqas il-ħin jew

**ii.** Isiru bollards tal-eletriku

**iii.** B'konsutazzjoni mal-kunsill ta' Santa Venera tinqaleb Borg Street.

**iii.** Misraħ Santa Venera kien qed ikun hemm vetturi fuq iz-zuntier . Karl Carbott wieġeb li hemm jintuża min-nurses tal-iskola. Pero Stephen Sultana qal li qed ikun hemm tul kbir tal-ħin.

Hawnhekk Roberta talbet li tiġi skużata mil-laqgħa.

**d.** **TM – un/loading sal-1700 –** Is-Sindku qal li Transport Malta kienet irċievit applikazzjoni minn Style Furnitrue li ried iżid il-ħin tal-un/loading sal-17.00. Il-kunsill ma qabilx ma dan u għalhekk din l-un/loading kellha tibqa sa' siegħa kif kienet.

**e.** **Waste Room** – Is-Sindku qal li kien irċieva rikjesta għal direzzjoni fuq wasteroom li din ġiet riferuta lir-Reġjun Nofsinhar peress li dan qal li l-kuntrattur jiġbor biss minn wara bibien residenzjali.

**f.** **ID Cards fil-lokalita –** Is-Sindku qal li Identita' kienu qed jiġu fil-lokal meta jkun hemm ħafna li skadietilhom l-karta tal-identita. Għaldaqstant huma kienu qed jikkuntattjaw il-kunsill meta jkun hemm il-bżonn.

g. **Halloween** – Is-Sindku qal li l-preparamenti tal-attivita tal-Halloween kien mixi ġmielu. Kienu ikkonfermati mal-20 stall, u Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni kien qed joffri sostenn tiegħu għal din l-attivita. Vibe FM ukoll kienu qed jaħdmu mal-kunsill u l-iscouts sabiex ikun hemm aktar marketing fuq din l-attivita.

**h.** **Ġimgħa Santa Venera –** din kienet ser issir bejn il-Ħadd 9 ta' Novembru u l-**Ġimgħa 14 ta' Novembru.**

**i.** **Casa Leoni u l-Milied** - din is-sena kienet ser terġa' tinfetaħ Casa Leoni u l-ġnien tagħha waqt l-attivita tal-Milied. Karl ikkumneta li l-art kellha jkollha pletform u jkun hemm aktar dawl. Is-SE qalet li kienet ser tiġbed l-attenzjoni tal-ministeru fuq dan waqt il-laqgħat li jkollhom

**j.** **Suggeriment banda –** Is-Sindku informa li l-banda tal-lokal kienet qed tamel suġġeriment li jsir tournament ta' darts u ieħor tal-billards bejn l-għaqdiet lokali. Is-Sindku qal li fuq dan kienet qed taħdem il-kunsilliera Roberta Sultana

k. **Cat Feeder** – Is-Sindku qal li fuq il-freezer li ntgħalbet għal-ikel mill-cat feeders, dawn qalu li din tista' ssir fil-ġnien. Għalhekk is-sindku qal li l-ewwel dan kellu jitnaddaf imbagħad il-kunsill jara fejn tista' ssir b'mod sigur.

l. **Talba mill-KFE** – il-KFE kienu qed jitolbu lil-kunsill sabiex l-Inawgurazzjoni tal-Faċċata u l-Ftuħ tal-55 Anniversarju tal-kumitat, li se ssir fit-8 ta' Novembru tkun parti mill-celebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Santa Venera. Barra minnhekk il-KFE jixtieq ukoll li l-kunsill jgħin fil-clearance u għeluq ta' Strada Rjali (naħa ta' fuq) għal sigurtà tal-pubbliku u Fondi ta' €150 għall-Facebook Live tal-avveniment u għall-print tal-inviti. Ir-Residenti ser ikunu qed jidħlu minn Triq Qalb Imqaddsa. Fuq dan kien hemm qbil peress li dan każ ta' anniversarju.

m. **Is-Sindku** qal li Segretarju Eżekuttiv irċeviet talba mingħand impjegata għal 5 snin leave mingħajr ħlas sabiex tkun tista' taħdem f'segretarjat. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan però xtaq direzzjoni mingħand id-dipartiment fuq x'ser jiġri hekk din terġa' tiġi lura u l-kunsill ikun impjega lill-xi ħadd ieħor.

n. **Vendriżi ċkejknin** – Is-sindku informa li l-kunsill lokali tat-tfal xtaq li jorganizza attività fix-xahar, minn Diċembru. Huma jixtiequ li flimkien ma għaqda tingħalaq pjazza jew triq u jisiru ħafna logħob. Is-sindku qed jipproponi li jsiru bejn it-08.00am u nofsinhar is-sibt, il-ħadd jew f'xi btala pubblika. Fuq dan kien hemm qbil ukoll.

## 5. Lease Agreement

Is-Sindku informa li l-patrijiet kienu aċċettaw li jikru taħt iz-zuntier bħala store lil-Kunsill Lokali għas-somma ta' Euro 200 fix-xahar. Għalhekk hu qara Lease Agreement. Fuq dan kien hemm qbil.

## 6. Tender Evaluations

Is-Sindku saqsa lis-SE sabiex tinforma fuq dan l-item. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bord tal-evalwazzjoni kienu evalwaw 3 tenders minn 4. Dawn kienu:

i) Perit – is-SE qalet li għal dan it-tender kien hemm 8 applikazzjonijiet li kollha kienu eliġibbli. Il-board kien qed jirrakkomanda li AMP li kienu l-irħas offerent u konformi ma' dak li intalab.

ii) Public Convenience at Romeo Romano Gardens – is-SE qalet li għal dan it-tender kien hemm 4 kumpaniji li tefgħu l-offerta tagħhom. Wara li saru xi domandi il-bord ta' evalwazzjoni kien qed jirrakkomanda lil Christian Bezzina bħala l-irħas offerent u li kien konformi ma' dak li intalab.

iii) Handyman – is-SE qalet li għal dan it-tender kien hemm 2 individwi li għamlu l-offerta tagħhom u għalhekk wara li saret l-evalwazzjoni il-bord kien qed jirrakkomanda lil Mark Faenza bħala l-irħas offerent u li kien konformi ma' dak li intalab.

**7. Sistema ta' ilmenti elettroniċi**

Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li l-kunsill ikollu sistema iktar konkreta minn l-excel sabiex jiġbor l-ilmenti u din tkun diġitali. Hu kien qed jipproponi sistema li tiswa Euro 30 fix-xahar fejn din is-sistema tista' tiġbor l-ilmenti, tagħti statistiċi kif ukoll tipprovdi aktar kontroll u tkun aktar effiċjenti. Fuq dan kien hemm qbil.

**8. Mapep**

Is-Sindku saqsa lis-SE sabiex tispjega fuq dan. Is-SE qalet li kellha laqgħa ma kumpanija li tista' tagħmel mapep 3D kbar u li jitwaħħlu fuq stand madwar il-lokal. Il-Kumpanija tista' tagħmel dawn il-mapep b'xejn hekk il-kumpanija tista' tpoġġi riklami fuq il-mapep. Fuq dan kien hemm qbil.

**9. Transport Malta**

Is-Sindku informa li wara laqgħa li attendiet għalija SE TM infurmaw li fit-tela' minn Triq Reġjonali qabel Triq Kappillan Mifsud kienu ser jitwaħħlu l-bollards ħalli l-karozzi ma jaqilbux it-triq fl-aħħar minuta.

**10. Mistoqsija lis-Sindku**

Din il-mistoqsija minn Roberta Sultana kienet imwieġba u diskussa qabel waqt il-komunikazzjoni tas-sindku.

## 11. Ilmenti

Dan ix-xahar ma kienx hawn ħafna ilmenti kbar imma dawk żgħar li kienu diġà saru bħal refresh, twaħħil ta’ mirja u affarijiet oħra.

Gianluca Falzon

Sindku

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv